REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 852/2014

tal-5 ta' Awwissu 2014

dwar l-awtorizzazzjoni tal-L-metjonina bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-L-metjonina bħala addittiv tal-għalf. Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) Dik l-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-L-metjonina prodotta minn *Escherichia coli* (KCCM 11252P u KCCM 11340P) bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, biex tiġi kklassifikat fil-kategorija ta' addittivi ta' "addittivi nutrittivi".

(4) Fl-opinjoni tagħha tat-8 ta' Ottubru 2013 ([2]), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, l-L-metjonina prodotta minn *Escherichia coli* (KCCM 11252P u KCCM 11340P) ma għandhiex effett negattiv fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent u li tista' titqies bħala sors effikaċi tal-aċidu amminiku L-metjonina għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. L-Awtorità ma tqisx li hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għall-monitoraġġ ta' wara l-kummerċjalizzazzjoni. L-Awtorità vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu tal-analiżi tal-addittivi tal-għalf fl-għalf li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza mwaqqaf bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(5) Il-valutazzjoni ta' dik is-sustanza turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dik is-sustanza għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità esprimiet it-tħassib tagħha rigward is-sikurezza tal-L-metjonina għall-ispeċi fil-mira meta tingħata fl-ilma għax-xorb. Madankollu, ma ġie propost l-ebda kontenut massimu għal-L-metjonina mill-Awtorità. Għaldaqstant, fil-każ tas-somministrazzjoni tal-L-metjonina permezz tal-ilma għax-xorb, huwa xieraq li jingħataw struzzjonijiet lill-utent biex iqis is-sorsi kollha differenti ta' metjonina sabiex tinkiseb l-aħjar provvista bl-aċidi amminiċi essenzjali mingħajr ma tiġi affettwata l-prestazzjoni tal-annimali.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li tifforma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi nutrittivi" u mill-grupp funzjonali "aċidi amminiċi, l-imluħ u l-analogi tagħhom", hija awtorizzata bħala addittiv fin-nutriment tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
([2]) *The EFSA Journal* 2013; 11(10):3428.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						mg/kg tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 %			
Kategorija tal-addittivi nutrittivi. Grupp funzjonali: aċidi amminiċi, l-imluħ u l-analogi tagħhom.									
3c305	—	L-metjonina	*Kompożizzjoni tal-addittiv* L-L-Metjonina b'purità ta' mill-inqas 98,5 % *Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva* L-L-metjonina ((2S)-2-ammino-4-(metiltijo) aċidu butanojku) prodotta bil-fermentazzjoni bl-*Escherichia coli* (KCCM 11252P u KCCM 11340P) Formula kimika: $C_5H_{11}NO_2S$ Numru CAS: 63-68-3 *Metodu analitiku* (1) Għall-identifikazzjoni tal-L-metjonina fl-addittiv tal-għalf: assorbiment infraaħmar u rotazzjoni ottika — metodi ta' monografiji FCC. Għall-kwantifikazzjoni tal-metjonina fl-addittiv tal-għalf u t-taħlitiet minn qabel li fihom aktar minn 10 % ta' metjonina: kromatografija ta' skambju ta' joni flimkien mad-derivatizzazzjoni postkolonna u d-detezzjoni fotometrika jew tal-fluworexxenza (HPLC-VIS/FD) — ISO/DIS 17180. Sabiex tiġi ddeterminata l-metjonina fit-taħlitiet minn qabel li jkun fihom inqas minn 10 % ta' metjonina, għalf kompost, materjali tal-għalf u ilma: kromatografija ta' skambju ta' joni flimkien mad-derivatizzazzjoni postkolonna u d-detezzjoni fotometrika (HPLC/VIS) — ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (2) (l-Anness III, F).	L-ispeċijiet kollha	—			1. L-L-metjonina tista' tintuża wkoll fl-ilma għax-xorb. 2. Id-dikjarazzjonijiet iridu jsiru fuq l-ittikkettar tal-addittivi u tat-taħlitiet minn qabel: "Jekk l-addittiv jittieħed mal-ilma għax-xorb, għandu jiġi evitat l-eċċess ta' proteini." 3. Meta d-dikjarazzjoni volontarja tal-addittiv issir fuq it-tikkettar tal-materjali tal-għalf u l-għalf kompost, għandu jiġi inkluż dan li ġej: — l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv, — l-ammont miżjud tal-addittiv.	Is-26 ta' Awwissu 2024

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: https://ec.europa.eu/jrc/en/eurl/feed-additives/evaluation-reports
(2) ĠU L 54, 26.2.2009, p. 1.